**343. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**Kiri ta' Middle Sea House, il-Furjana lill-Middle Sea Insurance Company Limited**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Middle Sea Insurance Company Limited il-Middle Sea House, diġà magħrufa bħala Montgomery House, il-Furjana, kif deskritta aħjar fl-Abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-Paragrafu (c) tas-Sub-artikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li Art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-Trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-Trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Middle Sea House, il-Furjana, deskritta fl-Abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mikrija lill-Middle Sea Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess Abbozz.

13.07.1981